Nru./No. 21,631
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 27 ta' April, 2026
Monday, 27th April, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklami tal-President ta' Malta ..... 5549 - 5550
Proclamations by the President of Malta ..... *5549 - 5550*

Avviżi tal-Gvern 5551
Notices *5551*

Avviżi tal-Qorti 5552
Court Notices *5552*

Anno Domini 2026 Nru. II

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Myriam Spiteri Debono
President

BILLI huwa provdut bis-subartikolu (1) tal-artikolu 76 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi l-President ta' Malta tista' f'kull żmien bi proklama xxolji l-Parlament ta' Malta;

U BILLI hemm provdut bis-subartikolu (5) tal-artikolu 76 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi, fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħha fuq imsemmija, il-President ta' Malta għandha taġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru;

U BILLI l-Prim Ministru tani l-parir biex inxolji l-Parlament mis-27 ta' April, 2026;

ISSA, GĦALHEKK, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lili kif intqal qabel, JIENA, MYRIAM SPITERI DEBONO, President ta' Malta, B'DAN NAVŻA U NIPPROKLAMA illi l-Parlament ta' Malta jkun xolt u qiegħed b'din jiġi xolt mis-27 ta' April, 2026.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 27 ta' April, 2026.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Anno Domini 2026 No. II

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) Myriam Spiteri Debono
President

WHEREAS it is provided by subarticle (1) of article 76 of the Constitution of Malta that the President of Malta may at any time by proclamation dissolve the Parliament of Malta;

AND WHEREAS it is provided by subarticle (5) of article 76 of the Constitution of Malta that, in the exercise of his aforesaid power, the President of Malta shall act in accordance with the advice of the Prime Minister;

AND WHEREAS I have been advised by the Prime Minister to dissolve Parliament from the 27th day of April, 2026;

NOW, THEREFORE, in exercise of the power vested in me as aforesaid, I, MYRIAM SPITERI DEBONO, President of Malta, DO HEREBY NOTIFY AND PROCLAIM that the Parliament of Malta be and is hereby dissolved from the 27th day of April, 2026.

Made at Sant'Anton Palace, this 27th day of April, 2026.

By Authority,

(Sd.) Robert Abela
Prime Minister

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Myriam Spiteri Debono
President

BILLI l-artikolu 77 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li għandha tinżamm elezzjoni ġenerali tal-membri tal-Kamra tad-Deputati f'dak iż-żmien għeluq tliet xhur wara kull xoljiment tal-Parlament kif il-President ta' Malta, li taġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru, għandha tistabbilixxi bi proklama;

U BILLI l-Parlament ġie xolt fis-27 ta' April, 2026;

U BILLI l-Prim Ministru tani l-parir li nistabbilixxi t-30 ta' Mejju, 2026 bħala ż-żmien li fih għandha tinżamm elezzjoni ġenerali;

ISSA, GĦALHEKK, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lili kif intqal qabel, JIENA, MYRIAM SPITERI DEBONO, President ta' Malta, B'DAN NAVŻA U NIPPROKLAMA li qed nistabbilixxi t-30 ta' Mejju, 2026 bħala ż-żmien meta għandha tinżamm elezzjoni ġenerali tal-membri tal-Kamra tad-Deputati.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 27 ta' April, 2026.

B'Awtorità,

(Iff.) Robert Abela
Prim Ministru

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) Myriam Spiteri Debono
President

WHEREAS article 77 of the Constitution of Malta provides that there shall be held a general election of members of the House of Representatives at such time within three months after every dissolution of Parliament as the President of Malta, acting in accordance with the advice of the Prime Minister, shall by proclamation appoint;

AND WHEREAS Parliament was dissolved on the 27th day of April, 2026;

AND WHEREAS I have been advised by the Prime Minister to appoint the 30th day of May, 2026 as the time when a general election shall be held;

NOW, THEREFORE, in exercise of the powers vested in me as aforesaid, I, MYRIAM SPITERI DEBONO, President of Malta, DO HEREBY NOTIFY AND PROCLAIM that I appoint the 30th day of May, 2026 as the time when there shall be held a general election of members of the House of Representatives.

Made at Sant'Anton Palace, this 27th day of April, 2026.

By Authority,

(Sd.) Robert Abela
Prime Minister

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI (KAP. 354)

Ir-Writ mill-President ta' Malta bid-data tas-27 ta' April, 2026, li huwa riprodott hawn taħt, huwa ppubblikat għall-finijiet tal-Artikolu 44 (2) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap 354).

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Is-27 ta' April, 2026

ATT TAL-1991 DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI

WRIT mill-President ta' Malta

LIL

Is-Sur Joe Camilleri
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

U

Dott. Veronique Dalli
Is-Sur Richard Dimech
Dott. Dianne Galea
Dott. Ian Micallef
Is-Sa Melanie Mizzi
Is-Sa Marion Portelli
Is-Sur Salvu Sant
Dott. Victor Scerri
Is-Sur Angelito Sciberras
Is-Sur Joseph Scicluna

Kummissjonarji Elettorali maħtura biex imexxu l-elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati.

BILLI għandha ssir elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati għall-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba', il-Ħames, is-Sitt, is-Seba', it-Tmien, id-Disa', l-Għaxar, il-Ħdax, it-Tnax u t-Tlettax-il-Distrett Elettorali;

B'DAN INTOM INKARIGATI sabiex tieħdu ħsieb li ssir elezzjoni ta' Membri tal-Kamra tad-Deputati skont il-liġi.

MOGĦTI MILL-PALAZZ
ta' SANT'ANTON, fil-Gżira ta'
Malta, Illum, 27 ta' April, 2026

(Iffirmat) MYRIAM SPITERI DEBONO
President

GENERAL ELECTIONS ACT (CAP. 354)

The Writ by the President of Malta dated 27th April, 2026, reproduced hereunder, is published for the purposes of Article 44 (2) of the General Elections Act (Cap. 354).

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

27th April, 2026

GENERAL ELECTIONS ACT, 1991

WRIT by the President of Malta

TO

Mr Joe Camilleri
Chief Electoral Commissioner

AND

Dr Veronique Dalli
Mr Richard Dimech
Dr Dianne Galea
Dr Ian Micallef
Ms Melanie Mizzi
Ms Marion Portelli
Mr Salvu Sant
Dr Victor Scerri
Mr Angelito Sciberras
Mr Joseph Scicluna

Electoral Commissioners appointed for conducting the election of Members of the House of Representatives.

WHEREAS an election of Members of the House of Representatives is to be held for the First, Second, Third, Fourth, Fifth, Sixth, Seventh, Eighth, Ninth, Tenth, Eleventh, Twelfth and Thirteenth Electoral Divisions;

YOU ARE HEREBY COMMISSIONED to cause an election of Members of the House of Representatives to be held according to law.

GIVEN AT SANT'ANTON,
PALACE, in the Island of Malta,
this 27th day of April, 2026

(Sgd.) MYRIAM SPITERI DEBONO
President

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1121

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3463/2025, fl-ismijiet Neville Farrugia et vs Annette Avery, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 30 ta' Lulju, 2025

Lil Annette Avery ta' 43, Triq Annibale Preca, Ħal Lija, Malta

Permezz tal-preżenti Neville Farrugia (KI 229985M) u Crystielle Farrugia Cortis (KI 137286M), ta' 19, Ħarruba, Triq Vilhena, Ħaż-Żebbuġ, Malta, jagħmlu referenza għal xaft intern fil-fond 123 (preċedentament 101), Triq San Ġużepp, L-Isla, liema xaft jinstab kompletament fis-sjieda tal-mittent (kuntratt tal-akkwist tal-fond datat is-26 ta' Settembru, 2018, flimkien mal-pjanta tal-istess, annessi u mmarkati Dok. A). Illi l-intimata Avery, sid tal-fond sovrastanti, tagħmel użu minn dan l-istess xaft u dan permezz ta' diversi katusi u pajpijiet li jaqdu l-fond tagħha.

Illi l-intimata taqqlet dan is-servitù, eżistenti billi żiedet numru ta' katusi u emendat xi oħrajn fl-imsemmi xaft u dan kollu mingħajr il-kunsens tal-mittenti u bi ksur tal-artikolu 475 tal-Kodiċi (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Barra minn hekk, l-intimat iddeterjorat l-istess xaft u dan wara li għalqet fetħa li hi kienet fetħet b'mod abbużiv fejn ix-xogħol li sar kien ta' kwalità ferm inferjuri. Ritratti li jesibixxu dawn id-diversi azzjonijiet tal-intimata jinstabu hawn annessi u mmarkati Dok. B1, B2 u B3.

Għal dawn ir-ragunijiet, il-mittenti qegħdin jinterpellaw lill-intimata sabiex tirritorna x-xaft għall-istat preeżistenti billi jitneħħew il-katusi l-ġodda, jiġu restorati dawk il-katusi li ġew emendati u jitnaddfu u jiġu rrestawrati l-ħitan tal-istess xaft. Fin-nuqqas ta' dan, il-mittenti se jipproċedu ulterjorment fil-konfront tal-intimata mingħajr ebda preavviż ieħor, filwaqt li jirriservaw kull dritt li jżommu lill-intimata responsabbli għad-danni lilhom ikkaġunati minħabba l-istess tibdil fil-arranġament tal-katusi u l-inadempjenza tal-intimata.

Tant sabiex l-intimata tagħraf tirregola ruħha

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 24 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 27th Jannar, 2026, of the Civil Court, First Hall, in the records of judicial letter number 3463/2025, in the names Neville Farrugia vs Annette Avery, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th July, 2025

To Annette Avery of 34, Triq Annibale Preca, Ħal Lija, Malta

By the present Neville Farrugia (ID 229985M) and Crystielle Farrugia Cortis (ID 137286M), of 19, Ħarruba, Triq Vilhena, Ħaż-Żebbuġ, Malta, refer to internal shaft at premises 123 (previously 101), Triq San Ġużepp, Senglea, which shaft is wholly owned by the interpellants (deed of acquisition of the premises dated 26th September, 2018, together with the site plan of the same, attached and marked Doc. A). That the respondent Avery, owner of the overlying premises, makes use of the same shaft and this by means of various pipes and drain pipes which serve her premises.

That the respondent burdened this existing servitude, by adding a number of pipes and changing some others in the said shaft and all this without the consent of the interpellants and in violation of Article 475 of the Civil Code (Cap. 16 of the Laws of Malta). Furthermore, the respondent deteriorated the same shaft and this after closing an opening which she had abusively opened and the work carried out was of a much inferior quality. Photos exhibiting these various actions of the respondent can be found here attached and marked Doc. B1, B2 and B3.

For these reasons, the interpellants are calling upon the respondent to return the shaft to its pre-existing state by removing the new pipes, restoring those pipes which have been changed and cleaning and restoring the walls of the same shaft to the way they were. In default of this, the interpellants will proceed further against the respondent without any other prior notice, whilst reserving any right to hold the respondent responsible for the damages caused to them due to the same changes in the positioning of the pipes and the default of the respondent.

So much so that the respondent may know how to regulate herself

With costs

Registry of the Superior Courts, today 24th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603